MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

## ONOR. IMHALLEF

## DAVID SCICLUNA

Seduta tal-25 ta' Frar, 2015

Appell Kriminali Numru. 126/2013

**Il-Pulizija**

**v.**

**Natalie Marmara`**

**Il-Qorti:**

**1.** Rat l-imputazzjoni miġjuba mill-Pulizija Eżekuttiva kontra Natalie Marmara`, detentriċi tal-karta tal-Identita` bin-numru 4982M, talli b'diversi atti magħmulin minnha, ukoll jekk fi żminijiet differenti u li jiksru l-istess

disposizzjoni tal-liġi u jkunu ġew magħmula b'risoluzzjoni waħda, nhar-it 12 ta' Ottubru 2012, nhar-il 25 ta' Ottubru 2012, nhar l-1 ta' Novembru 2012 u nhar-it 3 ta' Novembru 2012, meta hekk ordnata mill-Qorti jew kif marbuta bil-kuntratt biex tagħti aċċess lil James Marmara` għal uliedhom, irrifjutat li tagħmel hekk mingħajr raġuni xierqa;

**2.** Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tas-6 ta' Marzu 2013 fejn dik il-Qorti, wara li rat l-artikoli 338(ll) u 18 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta, sabet lill-imsemmija Natalie Marmara` ħatja ta' l-imputazzjoni dedotta u kkundannatha ġimgħa detenzjoni;

**3.** Rat ir-rikors ta' appell ta' l-istess Natalie Marmara` ppreżentat fl-14 ta' Marzu 2013 fejn talbet li din il-Qorti tirrevoka u tħassar is-sentenza appellata u konsegwentement tilliberaha minn kull imputazzjoni, ħtija u piena; sussidjarjament/alternattivament, u biss f'każ li din il-Qorti tiċħad l-aggravji tagħha dwar is-sejbien tal-ħtija u għalhekk tikkonferma s-sentenza appellata in kwantu għas-sejbien tal-ħtija, tirriforma s-sentenza appellata billi tvarja l-piena nflitta u tirriduċi l-istess għal waħda aktar miti u idoneja fidd-awl taċ-ċirkostanzi u n-natura tal-każ;

**4.** Rat l-atti kollha tal-kawża; rat il-fedina penali aġġornata ta' l-appellata esebita mill-prosekuzzjoni b'ordni ta' din il-Qorti; semgħet ix-xhieda; semgħet it-trattazzjoni; ikkunsidrat:

**5.** L-aggravji ta' l-appellanti huma fil-qosor is-segwenti: (1) li l-prosekuzzjoni naqset milli tipprova lil hinn minn kull dubju raġjonevoli li fil-ġranet indikati fil-komparixxi l-appellanti kienet ordnata tagħti aċċess lill-kwerelant; (2) li, mingħajr preġudizzju għall-ewwel aggravju, ma setgħetx tinstab ħatja ta' l-imputazzjoni miġjuba kontra tagħha minħabba li l-ewwel Qorti għamlet evalwazzjoni skorretta tal-provi dwar l-eżistenza ta' raġuni xierqa; (3) li, mingħajr preġudizzju għall-ewwel aggravji, il-piena hi eċċessiva.

**6.** B'referenza għall-ewwel aggravju, u cioe` d-dati ta' l-aċċess, waqt il-kontro-eżami tal-kwerelant, id-difiża ddikjarat li ma kienx qed jiġi kkontestat li fid-dati ndikati fl-akkużi kollha ma sarx aċċess u dak li kien qed jiġi kontestat kien jekk kienx hemm raġuni valida biex ma jsirx aċċess (ara fol. 56). Difatti x-xiehda ta'l-appellanti kkonċentrat fuq x'wassal biex hi ma tagħtix aċċess lill-kwerelant.

**7.** Fil-każ in eżami l-ġranet li fihom il-kwerelant jgħid li ma ngħatax l-aċċess kienu t-12 u l-25 ta' Ottubru 2012, u l-1 u t-3 ta' Novembru 2012. Din il-Qorti sejra teżamina jekk l-appellanti kellhiex raġuni xierqa biex ma tiħux lit-tfal għall-aċċess f'dawn id-dati.

**8.** Issa, l-appellanti tgħid illi waqqfet milli tibgħat lit-tfal għall-aċċess peress illi t-tfal kienu qalulha li f'okkażjoni minnhom, waqt li s-*supervisor* ħarġet biex iġġib tazza ilma, il-missier miss lit-tfal, jew min minnhom. Inoltre qalet illi t-tfal irrappurtawlha li waqt l-aċċess, missier it-tfal kien qiegħed jagħmlilhom ċerti mistoqsijiet dwar "il-logħba l-kerha" (referenza għall-allegat abbuż). Qalet li kellmet lis-*supervisor* li nnegat dan u għalhekk iddeċidiet li tqiegħed *tape-recorder* fil-baskett tat-tfal sabiex tirrekordja dak li jkun qiegħed jintqal waqt l-aċċess. Dan it-*tape-recorder* instab wara li kien diġa` ġie rrekordjat parti mill-ħin ta' l-aċċess fejn irriżulta illi l-missier kien qiegħed jagħmel dawn il-mistoqsijiet. Huwa minnu illi dan it-*tape-recording* ma nġabx bħala prova f'dawn l-atti, iżda Ingrid Vassallo xehdet li semgħet ir-*recording* u kkonfermat li semgħet id-diskors dwar "il-logħba l-kerha". L-appellanti tgħid illi allura ddeċidiet li ma tibgħatx lit-tfal aktar għall-aċċess.

**9.** Fir-rikors ta' appell tagħha l-appellanti tgħid illi "l-fatt illi dan l-abbuż kien qed iseħħ *'on the watch'* ta' dawk is-*supervisors* li kellhom jaraw li dan l-abbuż ma jseħħx ma ħalla l-ebda alternattiva lill-appellanti li ma tieħu lit-tfal għall-aċċess sakemm titlob id-direzzjoni tal-Qorti." L-appellanti korrettement tgħid illi kellha titlob id-direzzjoni tal-Qorti. Iżda dan m'għamlitux tempestivament.

**10.** Fir-rikors ta' appell tagħha l-appellanti tirreferi għas-sentenza mogħtija fil-25 ta' Lulju 1994 minn din il-Qorti diversament presjeduta fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Carmen Tabone Reale** li kkwotat il-każ Kanadiż **R. v. Arthurs, ex p. Port Arthur Shipbuilding Co (1967)** 1 Ontario Reports 272 fejn intqal *"'Just cause' does not mean the same as 'proper cause', 'proper' meaning only 'fit, apt, suitable' whereas 'just' has a wider meaning involving equitable considerations"*, u li kompliet tgħid: "Għalhekk biex tara jekk kienx hemm raġuni xierqa, u speċjalment fil-kamp kriminali, il-Qorti trid twieżen l-interessi kollha ...". Iżda dik is-sentenza tgħid aktar minn hekk. Din il-Qorti sejra tirriproduċi l-bran sħiħ li minnu l-appellanti ċċitat l-ewwel parti:

> **"Għalhekk biex tara jekk kienx hemm raġuni xierqa, u speċjalment fil-kamp kriminali, il-Qorti trid twieżen l-interessi kollha, inkluż l-interess li l-ordnijiet tal-Qorti jiġu obduti u mhux injorati fuq kwalsiasi pretest. Ċertament l-ordni ta' l-avukat ta' l-appellanti fih innifsu u waħdu ma jammontax għal tali raġuni. Il-Qorti ser tagħmel biss referenza għall-artikolu 48 tal-Kodiċi Kriminali u tieqaf hemm. Kwantu għall-biża' li l-appellanti seta' kellha minħabba l-allegat mard mentali ta' żewġha, din il-Qorti tosserva li għalkemm l-appellanti kellha l-opportunita` kollha li tivventila dina l-biża' tagħha fl-udjenza quddiem is-Sekond'Awla, u meta kellha assistenza legali, dana ma jidhirx li għamlitu. Id-digriet ingħata fis-16 ta' Mejju, 1994, li kienet il-ġurnata tal-Ħamis. Setgħet dik il-ġurnata stess, jew l-għada jew anke s-Sibt filgħodu ppreżentat rikors b'urġenza quddiem is-Sekond'Awla, jekk verament kienet tant preokkupata mis-saħħa mentali ta' żewġha, iżda l-appellanti għażlet minflok li tinjora l-ordni tas-Sekond'Awla sakemm jiġi ddekretat it-tieni rikors tagħha (li ma jirriżultax li sar bl-urġenza) li ġie ntavolat biss fis-16 ta' Mejju, cioe` nhar it-Tnejn ta' wara. Il-Qorti ma tiddubitax li kemm l-appellanti kif ukoll l-avukat tagħha kienu motivati minn intenzjonijiet tajba, pero` l-intenzjonijiet piji waħedhom ma jistgħux jeżimu mir-responsabbilta` penali speċjalment meta hawnhekk si tratta ta' kontravvenzjoni".**

**11.** Fil-każ in eżami l-appellanti setgħet liberament ippreżentat rikors b'urġenza fil-15 ta' Settembru stess (is-Sibt) jew l-għada jew almenu t-Tnejn ta' wara. Dan, pero`, għamlitu fil-15 ta' Ottubru 2012 meta l-aħħar li kienet ħadet it-tfal għall-aċċess (dakinhar li bagħtet magħhom it-*tape-recorder*) kien fil-15 ta' Settembru 2012, jiġifieri xahar qabel. Fil-fatt kien il-kwerelant li adixxa l-ewwel lill-Qorti biex jilmenta illi ma kienx qiegħed jingħata aċċess, u b'digriet tad-29

ta’ Ottubru 2012 il-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) ordnat lill-appellanti biex tieħu t-tfal fl-Aġenzija APPOĠĠ “kif ordnat sabiex isir l-aċċess taħt superviżjoni”. Ir-rikors li hija ppreżentat fil-15 ta’ Ottubru 2012 fejn talbet li l-aċċess jiġi sospiż sakemm jiġi evalwat ir-rapport u r-rakkomandazzjonijiet tal-psikologa Marika Busietta ġie miċħud b’digriet tas-27 ta’ Diċembru 2012.

**12.** Din il-Qorti tifhem il-preokkupazzjoni ta’ l-appellanti minħabba dak li kienu qed jirrapportawlha t-tfal. Ma tlumhiex illi riedet tirrikordja s-sessjoni li kellhom uliedha ma’ missierhom fil-15 ta’ Settembru. Difatti minn hemm hija setgħet tikkonferma d-diskors li sar dwar “il-logħba l-kerha”. Jekk, bħalma qalet Ingrid Vassallo, is-*supervisors* kienu diġa` rreferew lis-*social workers* li kien sar diskors f’das-sens fl-4 ta’ Settembru u fit-13 ta’ Settembru, l-Aġenzija APPOĠĠ kellha tara li dan ma jibqax isir. Fil-15 ta’ Settembru jidher li tħalla jsir. Din il-Qorti tifhem ukoll li l-appellanti riedet tipproteġi lil uliedha, iżda l-aħjar mod li setgħet tagħmlu kien billi tadixxi minnufih lill-Qorti u mhux unilateralment twaqqaf l-aċċess.

**13.** Fiċ-ċirkostanzi partikolari ta’ dan il-każ, pero`, u wara li din il-Qorti semgħet ix-xiehda tal-psikoterapista Marika Busietta, u wara li qieset illi l-aċċess taħt superviżjoni qiegħed isir regolarment – fil-fatt beda jsir sa mit-12 ta’ Novembru 2012 – hemm lok ta’ temperament fil-piena.

**14.** Għal dawn il-motivi tiddeċiedi billi tirriforma s-sentenza appellata, tirrevokaha in kwantu kkundannat lill-appellanti għal ġimgħa detenzjoni u minflok, a tenur ta’ l-artikolu 22 tal-Kap. 446 tal-Liġijiet ta’ Malta, tilliberaha bil-kondizzjoni li ma tagħmilx reat ieħor sa żmien xahar millum. Din il-Qorti fissret lill-ħatja bi kliem li jiftiehem sew li jekk tagħmel xi reat ieħor matul il-perijodu ta’ liberazzjoni kondizzjonata, hija tkun tista’ tingħata sentenza għar-reat oriġinali. Tikkonferma s-sentenza appellata fil-bqija.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------